



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Mejju 2021
(OR. en)

7568/21

LIMITE

CORLX 192
CFSP/PESC 329
CSDP/PSDC 154
COEST 69
RELEX 268
CONUN 47
EUAM UKRAINE 7
CSC 131

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK
dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea
għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna
(EUAM Ukraine)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Lulju 2014 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)¹.
- (2) Fit-13 ta' Mejju 2019 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/761², li testendi l-mandat tal-EUAM Ukraine sal-31 ta' Mejju 2021.
- (3) Fil-kuntest ta' rieżami strateġiku tal-EUAM Ukraine, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li l-EUAM Ukraine jenħtieġ li tiġi estiża sal-31 ta' Mejju 2024 u li jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni strateġika wara sentejn, iffukata fuq l-evoluzzjoni fid-dimensjoni politika.
- (4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/486/PESK jenħtieġ li tiġi estiża sal-31 ta' Mejju 2024.
- (5) L-EUAM Ukraine ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/761 tat-13 ta' Mejju 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 125, 14.5.2019, p. 16).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/486/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 14(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Ukraine għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2021 sal-31 ta' Mejju 2024 għandu jkun ta' EUR 88 500 000";

- (2) l-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 18

Rieżami strateġiku

Għandha titwettaq valutazzjoni strateġika tal-EUAM Ukraine wara l-31 ta' Mejju 2023, iffokata fuq l-evoluzzjoni fid-dimensjoni politika.”;

- (3) fl-Artikolu 19, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għandha tapplika sal-31 ta' Mejju 2024.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
